**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Il- Pulizija
(Spt. Jonathan Ransley)

-vs-

Aibek Manapov

Illum 21 ta' Jannar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Aibek Manapov detentur tal-Karta tas-Sewqan mahruga mill-Kazakhastan bin-numru AZ121440:

Talli fid-19 ta' Jannar, 2016 ghall-habta tas-01:45am gewwa il-lukanda Days Inn, Triq il-Katidral, Sliema:

1. Ikkaguna feriti ta natura hafifa fuq il-persuna ta' Amelie Sarah Laubenstein;

2. Garr 'il barra minn kamra 301, Days Inn hotel, jew id-dintorni tieghu, sikkina b'xafra ta 20 centimetru minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummisarju tal-Pulizija;

3. B'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra fil- Kodiċi Kriminali kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4. Hebb ghal-Efigenio Caito, Oleksii Havrylenko, Philippe Guirourd Aizee, Gustavo Costa Val Viera, Manuel Eduardo Rivera Prieto and Amelie Sarah Laubenstein sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew jagħmel ħsara lil dawn il-persuni jew lil ħaddieħor;

5. Ghamel lil Efigenio Caito, Oleksii Havrylenko, Philippe Guirourd Aizee, Gustavo Costa Val Viera, Manuel Eduardo Rivera Prieto and Amelie Sarah Laubenstein inġurji jew theddid b'arma regolari li taqta' u bil-ponta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta Efigenio Caito, Oleksii Havrylenko, Philippe Guirourd Aizee, Gustavo Costa Val Viera, Manuel Eduardo Rivera Prieto and Amelie Sarah Laubenstein billi jigu applikati l-provedimenti ta l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jitlob sabiex il-Qorti tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Efigenio Caito, Oleksii Havrylenko, Philippe Guirourd Aizee, Gustavo Costa Val Viera, Manuel Eduardo Rivera Prieto and Amelie Sarah Laubenstein u l-postijiet li t-tali persuni jiffrekwentaw b'mod partikolari l-iskola li jattendu ai termini ta l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat u l-ammissjoni bikrija. Ghaldaqstant din il-Qorti mhix se timponi prigunerija effettiva ghaliex mhix idonea.

Ghaldaqstant, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(d), 221(2), 338(dd), 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal ghaxar xhur (10) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien tlett snin (3) kif ukoll multa ta' mija u sittax il-Euro u seba u erbghin centezmu (€116.47).

Inoltre' a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Efigenio Caito, Oleksii Havrylenko, Philippe Guirourd Aizee, Gustavo Costa Val Viera, Manuel Eduardo Rivera Prieto and Amelie Sarah Laubenstein ghal zmien tlett (3) snin skont id-digriet anness.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**